MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 785/2004/1

**Blye Engineering Co Limited**

**v.**

**Joseph sive Joe Fenech**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenut Joseph Fenech u appell incidentali tas-socjeta` attrici minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 2008 li kkundannat lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-

somma ta’ tlettax-il elf, erba’ mija u hdax-il Ewro u tmintax-il centezmu (€13,411.18) flimkien ma’ l-imghaxijiet legali u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni.

Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

“F’din il-kawza s-socjetà attrici talbet illi l-konvenut ihallasha s-somma ta’ sebat elef, mija u sebgha u tletin lira u tnejn u erbghin centezmu (Lm7,137.42) – sittax-il elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin euro u tnejn u sebghin centezmu (€16,625.72) – bilanc ta’ somma akbar dovuta mill-konvenut *in solidum* ma’ terzi, valur ta’ sittax-il kambjala minnu accettata flimkien ma’ terzi. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax minn dakinhar ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala.

“L-attrici kienet talbet ukoll illi l-kawza tinqata’ bid-dispensa tas-smigh, taht il-procedura sommarja specjali, izda l-qorti b’dikriet tat-23 ta’ Novembru 2004 ordnat illi l-kawza timxi bil-procedura ordinarja, u l-konvenut ressaq dawn l-eccezzjonijiet:

“1. il-konvenut ma huwiex kontradittur legittimu ghax il-kambjalijiet inhargu lis-socjetà *Sunny Delite Ltd*, li taghha l-konvenut huwa biss direttur, u l-konvenut iffirma l-kambjalijiet f’dik il-kwalità ta’ direttur biss;

“2. il-gudizzju ma huwiex integru ghax il-kambjalijiet ma iffirmahomx il-konvenut Joseph Fenech wahdu izda wkoll Philip Borg Bellanti, li wkoll iffirma fil-kwalità ta’ direttur ta’ *Sunny Delite Ltd*; u

“3. l-ammont mitlub ma huwiex dovut billi jigbor fih ukoll somom dovuti skond sentenza miksuba mis-socjetà attrici fit-8 ta’ Novembru 2004 (avviz numru 273/2003).

“B’nota tat-22 ta’ Dicembru 2005 is-socjetà attrici naqqset it-talba taghha ghal hamest elef, seba’ mija u sebgha u hamsin lira u tnejn u erbghin centezmu (Lm5,757.42) –

tlittax-il elf, erba’ mija u hdax-il euro u tmintax-il centezmu (€13,411.18) – kif riedet it-tielet eccezzjoni. Ghalhekk il-kwistjoni wahdanija f’din il-kawza hija biss jekk il-konvenut iffirmax f’ismu proprju – kif qieghda tghid l-attrici – jew *nomine* bhala direttur ta’ socjetà kummercjali kif tghid l-ewwel eccezzjoni. It-tieni eccezzjoni ma ghandha ebda relevanza, ghax jekk Philip Borg Bellanti iffirma wkoll bhala direttur, il-kawza tkun saret hazin mhux ghax iffirma wkoll Philip Borg Bellanti izda ghax id-debitur tkun is-socjetà, kif tghid l-ewwel eccezzjoni, waqt illi jekk iffirma f’ismu proprju jkun ko-debitur *in solidum* mal-konvenut, u l-kreditur jista’ jfittex lil min irid mill-ko-debituri *in solidum* bla ma b’hekk ikun hemm nuqqas ta’ integrità tal-gudizzju.

“Naraw mela f’liema kwalità iffirma l-konvenut.

“It-twegiba rridu nsibuha fil-kambjalijiet stess, ladarba l-azzjoni hija wahda mibnija fuq il-kambjalijiet li jinkorporaw fihom awtonomament il-kreditu. Il-kambjalijiet juru illi nhargu fuq “*Philip Borg Bellanti & Joe Fenech, Sunny Delite Ltd, 66, West Street, Valletta*”.

“Il-qorti tifhem illi kieku l-kambjalijiet inhargu fuq *Sunny Delite Limited* ma kienx ikun hemm ghalfejn jissemmew ukoll id-diretturi taghha; kien ikun bizzejjed illi tissemma biss is-socjetà. Min-naha l-ohra, li kieku l-kambjalijiet inhargu fuq il-konvenut u Borg Bellanti personalment, ma kellhiex ghalfejn tissemma s-socjetà, lanqas, kif tghid l-attrici, biex tissemma bhala parti mill-indirizz, ladarba l-indirizz muri – “*66, West Street, Valletta*” – huwa shih u bizzejjed.

“Dan kollu jwassal ghall-konkluzjoni illi l-kambjalijiet inhargu kemm fuq il-konvenut u Philip Borg Bellanti u kemm fuq *Sunny Delite Limited*.

“Fuq il-kambjalijiet hemm ukoll zewg firem ta’ min accetta l-kambjalijiet, u ma huwiex kontestat illi wahda mill-firem hija tal-konvenut. L-accettazzjoni saret minghajr ebda kwalifika, u ghalhekk min jaraha ghandu jifhem illi saret f’isem min iffirma, u mhux fi kwalità rapprezentativa.

“Il-qorti ghalhekk tifhem illi meta iffirma l-konvenut accetta l-kambjalijiet f’ismu proprju, u mhux f’isem is-socjetà.

“L-ewwel eccezzjoni hija ghalhekk michuda.

“Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti taqta’ l-kawza billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ tlittax-il elf, erba’ mija u hdax-il euro u tmintax-il centezmu (€13,411.18) flimkien ma’ l-imghaxijiet legali u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni.”

**Appell tal-konvenut Joseph Fenech**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b’rikors prezentat fit-13 ta’ Marzu 2008.

Fil-qosor, l-aggravji tieghu huma s-segwenti:

1. Mhux minnu, dak allegat mis-socjeta` appellata, li l-isem tas-socjeta` u l-indirizz taghha tpoggew ghal konvenjenza u mhux biex juru li n-negozju sar bejn iz-zewg socjetajiet.

2. Illi l-appellant ma jistax jifhem kif l-ewwel Qorti setghet tikkonkludi illi kieku l-kambjalijiet hargu fuq isem Sunny Delite Ltd biss, ma kienx hemm ghalfejn jissemmew ukoll id-diretturi taghha.

3. Illi hu evidenti minn wicc il-kambjalijiet illi l-konvenut ma kienx qed jassumi obbligu personali ghall-hlas tal-ammont stabbilit imma kien qed jagixxi bhala rapprezentant tas-socjeta` li taghha huwa direttur.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenut talab ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-22 ta’Frar 2008 u minflok tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

**Risposta tas-socjeta` attrici ghall-appell tal-konvenut u appell incidentali tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici appellata pprezentat ir-risposta taghha fejn l-aggravji relattivi tal-appellant gew kollha kontestati u ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, hlief ghal dak sottomess fl-appell incidentali dwar ir-rata ta' imghax kummercjali, u konsegwentement, filwaqt li tilqa' l-istess appell incidentali, tichad l-appell tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Dwar l-ewwel aggravju tal-appellant, din il-Qorti tirrileva li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi l-kambjalijiet inhargu kemm fuq il-konvenut u Philip Borg Bellanti kif ukoll fuq *Sunny Delite Limited.* Dak li kienet qed issostni s-socjeta` attrici, cioe` li l-isem tal-kumpanija kien tnizzel biss bhala parti mill-indirizz, ma giex accettat mill-ewwel Qorti u fuq dan il-punt ma sarx appell. Ghalhekk ma hemmx lok ghal dan l-aggravju u konsegwentement qed jigi michud.

It-tieni aggravju wkoll mhux sostenibbili billi l-ewwel Qorti kellha ragun tiddeciedi illi kieku l-kambjalijiet hargu fuq isem Sunny Delite Ltd biss, ma kienx hemm ghalfejn jissemmew ukoll l-isem tad-diretturi taghha. L-isem tas-socjeta` biss kien ikun bizzejjed u kien ifisser li l-kambjali nhargu fuq is-socjeta`.

It-tielet aggravju huwa proprjament il-mertu kollu tal-kawza. Kif gustament osservat l-ewwel Qorti l-kwistjoni wahdanija f'din il-kawza hija biss jekk il-konvenut iffirmax f'ismu proprju – kif qieghda tghid l-attrici – jew *nomine* bhala direttur ta' socjeta` kummercjali, kif qed isostni l-konvenut.  L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-firma tal-konvenut Joseph Fenech fuq il-kambjala hija bla kwalifika u mhux fi kwalita` rapprezentativa, ghalhekk il-konvenut ghandu jwiegeb personalment.

L-appellant jishaq, kif wara kollox gia` ghamel quddiem l-ewwel Qorti, li huwa ma ffirmax personalment imma bhala direttur ghan-nom tal-kumpanija Sunny Delite Limited. Hu jsostni li anke mill-*invoice* li nharget mis-socjeta` attrici

(ara fol. 43) jirrizulta li din inharget fuq isem il-kumpanija u mhux f'ismu personali.

Illi pero` s-socjeta` appellata tikkontendi li skont ix-xhieda minnha prodotti[1] l-konvenut u Philip Borg Bellanti ffirmaw il-kambjali f'isimhom proprju u dan bhala kundizzjoni biex jinghataw kreditu. Is-socjeta` appellata tghid li l-*invoice* nharget fuq il-kumpanija billi x-xoghol kien ghal kumpanija Sunny Delite Ltd imma billi din kienet kumpanija gdida li huma ma kienux innegozjaw maghha u billi hi talbet l-oggetti kollha *on credit*, huma insistew li l-konvenuti Fenech u Borg Bellanti jaghmlu tajjeb personalment ukoll. Ix-xhieda prodotti mis-socjeta` appellata ma gewx kontradetti, lanqas mill-istess konvenut li qatt ma xehed u lanqas pproduca xhieda, hlief li pprezenta xi dokumenti. Ghalhekk ghalkemm l-*invoice* harget f'isem il-kumpanija, il-konvenut Joseph Fenech u Philip Borg Bellanti kellhom jaghmlu tajjeb personalment qabel jinghataw *credit*.
Normalment persuna tikkontratta ghaliha nnfisha, sakemm ma tindikax li qieghdha tikkontratta f'isem haddiehor jew ma tindikahx hekk espressament. Il-kontraent l-iehor ikun ragjonevolment jaf ghalhekk li l-parti l-ohra qed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkonmbi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Fil-kaz in ezami kien dover tal-konvenut li jaghmilha cara, kemm-il darba ried li hu personalment ma jkunx responsabbli, li hu kien qed jaghmel l-ordni ghan-nom tal-kumpanija u jindika dan fuq il-kambjala. Altrimenti tapplika r-regola li wiehed jikkontratta ghalih innifsu u hekk ghandu dritt li jahseb u jirretjeni l-kontrajent l-iehor (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell **E.Borg et noe v. R.Schembri** tal 28 ta' Mejju 1973).

Illi hu minnu li din il-presunzjoni hija *iuris tantum* biss sakemm ma jigix stabbilit xort'ohra, izda f'dan il-kaz din il-presunzjoni ma gietx ribattuta. Anzi jirrizulta li l-konvenut lanqas biss xehed jew gab provi biex jirribatti dak li qalet is-socjeta` attrici.

[1] Raymond Mallia u Winston Spiteri a fol

Kwantu ghar-referenza li l-konvenut ghamel ghas-sentenza esebta a fol. 52 tal-process fil-fehma ta' din il-Qorti din ma taghmilx stat fil-konfront tas-socjeta` appellata, u dan billi f'dak il-kaz il-provi li kellha quddiemha dik il-Qorti ma kienux necessarjament l-istess provi li ghandha din il-Qorti fil-kaz odjern. Il-Qorti l-ohra ddecidiet biss fuq il-provi li kellha quddiemha.
Illi mill-istess kambjalijiet esebiti jirrizulta li dawn inhargu fuq "*Philip Borg Bellanti & Joe Fenech, Sunny Delite Ltd, 66, West Street, Valletta*". Imkien ma jirrizulta minn dawn il-kambjali, fejn hemm il-firma tal-konvenut Joseph Fenech, li dan kien qed jidher jew jiffirma bhala direttur jew ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sunny Delite Ltd. Il-firma tieghu mhiex hekk kwalifikata.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**Appell Incidentali**

Fl-appell incidentali taghha s-socjeta` appellata tillanja li l-imghax kummercjali dovut fuq is-sorte ghandu jkun ibbazat mhux semplicement fuq imghax ta' 8% fis-sena mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-hlas effettiv, izda fuq rata ta' imghax, ai termini tal-Artikoli 26A sa 26C tal-Kap. 13 f'kaz ta' hlas tardiv f'operazzjonijiet kummercjali.

Il-konvenut ma wegiebx ghall-appell incidentali, imma fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti accetta li hu dovut imghax kummercjali.

Illi skont l-Artikolu 26C(4) tal-Kap. 13 "ir-rata ta' mghax ghal hlas tardiv li d-debitur ikun obbligat ihallas, tkun ir-rata ta' mghax kif imfissra fl-Artikolu 26A, kemm-il darba ma jigix specifikat xort'ohra fil-kuntratt." Fil-fatt f'dan il-kaz ma giex specifikat mod iehor. Imbaghad skond l-Artikolu 26A, "rata ta' mghax" tfisser ir-rata ta' referenza li tkun fis-sehh fl-ewwel jum kalendarju tan-nofs sena meta l-imghax isir dovut, b'zieda ta' sebgha fil-mija (7%). Billi r-rata ta' referenza qeghda fid-data ta' din is-sentenza 1%[2] allura,

[2] Fuq il-figura ta' 1% il-partijiet qed jaqblu li hi hekk.

jigi li r-rata ghal hlas tardiv u r-rata kummercjali huma t-tnejn ta' 8% illum.

Illi jigi rilevat li l-Artikolu 26 tal-Kap. 13 ghandu effett mill-1 ta' Lulju 2005. Il-kambjali li taghhom is-socjeta` attrici qed titlob il-pagament jirrisalu kollha ghal qabel is-sena 2005. Ghalhekk l-imghax fuq dawk il-kambjalijiet ghandu jghaddi skont kif hemm provdut fl-Artikoli 1139 sa 1141 tal-Kap. 16. L-imghax wara Lulju 2005 ghandu jiddekorri skont l-Artikolu 26 tal-Kap. 13 sal-effettiv pagament, liema imghax, kif gia` nghad, illum hu l-istess bhall imghax kummercjali. Ghalhekk f'dan is-sens il-mertu tal-appell incidentali hu ezawrit.

Kwantu ghall-ispejjez tal-appell incidentali jrid jinghad li s-socjeta` attrici appellat incidentalment billi sostniet li l-appell tal-konvenut kien wiehed frivolu u vessatorju intenzjonat biss biex itawwal iz-zmien ghall-pagament. Illi ghalkemm il-konvenut ikkkontesta t-talba tas-socjeta` attrici rrizulta pero` li l-eccezzjonijiet tieghu ma kienux gustifikati ghalhekk isegwi li kien hemm dewmien fil-pagament li ma kienx gustifikat[3].

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenut, u tilqa' l-appell incidentali biss fis-sens fuq indikat. Spejjez kollha ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Ara sentenza ta' dina l-Qorti, diversament presjeduta, Blye Engineering Co. Ltd vs Allegro Andante Ltd. deciza fit-28 ta' Mejju 2010.